MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 813/2006

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha Nicolina Colette Garcia (ID: 323465M) u Emanuel *sive* Manuel Chetcuti (ID: 440869M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Nicolina Colette Garcia u Emanuel *sive* Manuel Chetcuti**

**vs**

**Farrugia Francis (ID: 460036M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors mahluf ta’ GasanMamo Insurance Limited hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Nicolina Colette Garcia u Emanuel *sive* Manuel Chetcuti sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Nicolina Colette

Garcia u Emanuel *sive* Manuel Chetcuti; u Nazzareno *sive* Reno Debattista (ID: 1084947M) ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti GasanMamo Insurance Limited (C3143), u ghan-nom tar-rikorrenti l-ohra kollha, kif debitament awtorizzat, datat 4 ta' Settembru 2006 fejn esponew bir-rispett:

1. Illi fil-25 ta' Frar 2005 fi Triq l-Erba' Mwiezeb San Pawl il-Bahar, sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **JAO 368** misjuqa mill-intimat Francis Farrugia u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **MAN 220** misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta' rikorrenti, Emanuel *sive* Manuel Chetcuti;

2. Illi fl-istess incident kienet involuta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **COL 288** proprjeta' tal-assikurata tas-socjeta' rikorrenti, Nicolina Colette Garcia li kienet ipparkeggjata fl-istess triq fejn sehh l-incident; u dan hekk kif jirrizulta mill-okkorrenza, skizz, u ritratti mehuda mit-Traffic Warden illi acceda fuq il-post tal-incident, liema dokument qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok. GMI 1;

3. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-intimat Farrugia, u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess intimat hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi d-danni kollha sofferti mill-rikorrenti b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal hamest elef, erba' mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm5,477.91), liema somma tinkludi l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25.00) mhallsa mir-rikorrenti Nicolina Colette Garcia u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25.00) mhallsa mir-rikorrent Emanuel *sive* Manuel Chetcuti rispettivament bhala *Excess* - u dan bhalma jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat Dok. GMI 2, flimkien ma' kopji ta' kull ircevuta u *invoice* relattiva (Dok. GMI 3 sa Dok. GMI 24);

5. Illi l-intimat gie debitament interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2005 (Dok. GMI 25) sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-incident imsemmi, izda baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara l-intimat Francis Farrugia unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-25 ta' Frar 2005, fi Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar bejn il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni JAO 368, MAN 220 u COL 288, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti;

(ii) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' hamest elef, erba' mija, u sebgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm5,477.91) jew kwalunkwe somma ohra verjuri li tigi llikwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

(iii) Konsegwentement tikkundanna l-intimat ihallas lir-rikorrenti *in linea* ta' danni l-ammont hekk illikwidat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2005, u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf kontra l-assikurazzjoni tal-intimat *ai termini* tal-Kap. 104, u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Francis Farrugia (ID 460036M) datata 10 ta’ Ottubru 2006 (fol 42) fejn ikkonferma: -

1. Illi ghall-incident stradali ma kienx jahti l-esponent u dan riferibbilment ghall-ewwel talba.

2. Illi jsegwi, dwar it-tieni talba, li m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-esponent.

3. Izid isegwi, li mhemmx, riferibbilment ghat-tielet talba x'danni li l-esponent ghandu jhallas lir-rikorrent.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-12 ta' Gunju 2007, u dan wara li rat l-atti kollha tal-process u l-proceduri ta' qabel is-smigh quddiem l-Assistent Gudizjarju.

Rat il-verbal tat-12 ta' Gunju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw il-kawza li giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tal-31 ta' Jannar 2013 u tas-26 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta meta ssejhet il-kawza deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici. Trattazzjoni finali ta' Dr. Michael Zammit Maempel (*on tape*). Aktar tard dahlet Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut. Trattazzjoni finali ta' Dr. Yana Micallef Stafrace (*on tape*). Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Ottubru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija kawza ghad-danni maghmula mis-socjeta' assikurattiva attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Nicolina Colette Garcia u Manuel Chetcuti, atturi wkoll f'din il-kawza, naxxenti minn incident stradali li sehh fil-25 ta' Frar 2005 fi Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar. Ir-rikorrenti qed jitolbu rizarciment tad-danni fl-ammont ta' Lm5,477.91.

Il-konvenut eccepixxa li ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement m'ghandux ikun

tenut responsabbli biex jaghmel tajjeb ghad-danni kkagunati.

L-incident sehh bejn vettura tal-ghamla Skoda Favorit numru **JAO-368** misjuqa mill-konvenut u vettura tal-ghamla Nissan Terrano **MAN-220** misjuqa minn Manuel Chetcuti, li hu s-sid ukoll tal-vettura. Fl-istess incident kienet involuta vettura ohra tal-ghamla Fiat Punto, bin-numru **COL-288** proprjeta' tal-attrici Colette Garcia, li kienet ipparkeggjata fl-istess triq fejn sehh l-incident.

***Road Accident Report*** **(**fol 7-14)

Il-Qorti rat ir-*road accident report* redatt mill-*warden* kif ukoll l-iskizz u r-ritratti annessi. Ta' rilevanza huma l-ewwel stqarrijiet tas-sewwieqa nvoluti, l-iskizz fih innifsu u l-hsarat li avveraw fil-vetturi rispettivi.

L-i*statement* tal-konvenut lill-*Warden* li rrediga r-rapport ma tantx hu ta' ghajnuna ghall-kaz. Hu qal li spicca stordut u lill-*warden* qal biss "*Kont miexi ha nipparkja u ma nafx x'gara."* Skont ir-rapport il-vettura tieghu kellha hsarat fil-"*front grille, bumper u bonnet, front left headlight u front left wing, rear right door, front right door, front right wing u front right headlight".*

Fl-i*statement* tieghu, l-attur Manuel Chetcuti qal "*Kont gej fi triq u sibt il-vettura JAO-368 hareg ghal go fija."* Skont ir-rapport il-vettura tieghu kellha hsarat fil-"*front grille, front bumper, front bonnet, front left headlight, front left wing, front left wheel, front left door u rear left door."*

Il-vettura ta' Nicolina Garcia kienet ipparkeggjata fit-triq u kellha hsarat fir-"*rear left door u rear left wing."* Hi ma kenitx fil-vettura meta sehh l-incident.

Jirrizulta mill-hsarat irrapporti li l-vettura tal-konvenut issubiet hsara fiz-zewg nahat u dan ta' bilfors peress li habtet mal-vettura pparkeggjata max-xellug tat-triq.

Fix-xhieda taghha *viva voce,* **Maria Alexia Cardona**[1] li kienet il-Warden li nvestigat l-incident fuq il-post, qalet li sabet marki wara l-vettura JAO-368 tul 6.4 metri, mkejlin minn mar-rota ta' wara. Madanakollu ma setghetx tidentifikahom bic-certezza bhala *brake marks* u kien hemm qbil li dawn kienu marki tat-*tyres*."*Kienu jidhru vizibbli li kienu marki ta' tyres."* Hi mmarkat fuq l-iskizz a fol 78 iz-zewg *electricity poles* bl-ittri "z" u "y".

**Colette Garcia** xehdet permezz ta' affidavit (fol.56) u qalet li s-sewwieq tal-vettura MAN-220 (Manuel Chetcuti) qalilha li kien habat fil-vettura taghha peress li "*is-sewwieq tal-vettura JAO-368 kien qabad u hareg f'salt minn fejn kien ipparkjat u ghalhekk sehhet il-kollizzjoni."* Hi qalet ukoll li l-vettura taghha ma baqghetx iktar dritta minhabba l-habta u spiccat angolata. Kien hemm *'brakemarks'* mal-art hdejn il-vettura taghha.

**Manuel Chetcuti** ukoll xehed b'affidavit (fol. 57) u qal li kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Bugibba. Ma kienx hemm vetturi fit-triq hlief ghall-karozza tieghu u Skoda li kienet ipparkjata mal-genb tat-triq.

Il-verzjoni tieghu hija konsistenti mal-kliem tieghu li gew rapportati minn Nicolina Garcia u cioe`: "*F'hin u l-waqt din harget mill-pozizzjoni taghha, waqt li jiena kont ghaddej fid-dritt u habtet mal-vettura tieghi. Bhala 'speed' kont ghaddej normali u kont miexi fin-nofs tal-karreggjata. L-impatt sehh bejn il-ponta tax-xellug tal-vettura tieghi u l-'mudguard' tan-naha tal-lemin tal-vettura tal-konvenut, kif ukoll il-bieba tax-xufier. Infatti biex hareg is-sewwieq l-iehor mill-vettura tieghu kellu juza l-bieba tal-passiggier … Il-vettura JAO-368 kienet ipparkjata wara filliera ta' karozzi li kien hemm mal-genb tax-xellug tat-triq, hareg f'salt minn qabel karozza pparkjata, tant li ma tanix cans biex niskapolah. Kien hemm vettura FIAT quddiemu waqt li kien ipparkjat u din il-FIAT intlaqtet wkoll fl-incident."*

In **kontro-ezami** xehed li kien ghaddej bi *speed* normali, cioe` xi 35/40km/h. Lill-konvenut ma rahx "*qabad u hareg.*

[1] Fol.94 et seq tal-process

*Karozzi pparkjati kien hemm."* Cahad li l-konvenut kien qed jimmanuvra biex jidhol jipparkja imma baqa' jsostni li l-konvenut kien hiereg mill-*parking.* "*Jien wicci ghad-dritt kont, qed insuq ‘il quddiem. Ma kienx hemm karozza diehla b'lura. Karozza kien hemm ipparkjata bhal ma kienu pparkjati ta' quddiemu u ta' warajh u qabdet u harget. Qisu kien qieghed wahdu fit-triq. "..X'hin wasalt mieghu hareg hu. Infatti lqattlu l-bieba u l-mudguard ta' quddiem. Jiena kont diga kwazi qbiztu."* Hu qal li baqa' sejjer u ntlaqat l-ewwel fil-*mudguard* ta' quddiem imbaghad fil-bieba tal-passiggier. "*Bid-daqqa spiccajt kwazi fuq in-naha l-ohra tat-triq."*

Xehed **Nazzareno Debattista** (affidavit a fol. 58) *claims manager* tas-socjeta' attrici. Iz-zewg vetturi tal-atturi l-ohra kienu assikurati mas-socjeta' attrici taht polza tat-tip *comprehensive.* L-assikurazzjoni hallset ghas-*survey report* ***(DOK. GMI 10) (****Lm11.80)* u hallset Lm5,093.69 ghall-hsarat fuq il-vettura MAN 220 u Lm25 *excess*. Is-*survey report* fuq il-vettura COL 288 thallas mis-socjeta` assikurattiva tal-konvenut, Untours Insurance Agents Limited. (**Dok. GMI.3)** L-attrici thallset Lm384.22 li minnhom hi hallset Lm25 *excess* u d-ditta attrici hallset Lm29.50 ghall-kiri ta' vettura. B'hekk l-ammont dovut jammonta komplessivament ghal Lm5,477.91 inkluz l-*excess.*

Xehed **Francis Farrugia** (fol. 112) u qal li kien qed jipparkja fit-triq in kwistjoni, hares mill-mera u xehet ir-*reverse. "Kif iccaqlaqt ma naf xejn iktar."* Kien ipparkjat wara l-FIAT. Meta sehhet id-daqqa kien magenb kwazi nofs il-FIAT biex jigi lura u jiehu postu mal-bankina. Hu qal li meta hares fil-mera ma rax lill-attur gej. Hu sofra *concussion* u fil-hin tal-incident kien mifxul.

## Responsabbilta' ghall-Incident

Hemm qbil bejn il-partijiet li l-konfigurazzjoni tat-triq ma nbiddlitx sostanzjalment mid-data tal-incident sakemm xehdu. Din it-triq hija wiesgha u ma hemmx *blind corners*. L-attur kien gej mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u fuq in-naha tax-xellug, kien hemm karozzi pparkjati similment

ghal dak muri fir-ritratti tal-post esebiti. Il-parti fejn sehh l-incident hija ghad-dritt.

Il-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet dwar id-dinamika tal-incident hija dijametrikament opposta. Il-konvenut jghid li kien qed jidhol fil-parkegg filwaqt li l-attur isostni li l-konvenut kien hareg f'salt mill-parkegg.

F'xi mument il-konvenut ikkontradixxa ruhu ghaliex qal "*Jien kont ipparkjat wara l-FIAT. Ha nipparkja wara l-FIAT*"[2] u b'hekk hemm konfuzjoni anke fix-xhieda tieghu dwar jekk kienx gja pparkjat u hareg, (kif jghid l-attur) jew jekk kienx qed jimmanuvra biex jidhol fil-parkegg (kif sostna l-istess konvenut).

Il-Qorti kkonsidrat li l-verzjoni tal-attur kienet iktar attendibbli u konsistenti . Hu baqa' jinsisti li nduna bil-konvenut mad-daqqa. Kien ghaddej ghad-dritt, kien hemm karozzi parkeggjati, u l-konvenut hareg ghall-gharrieda. Huwa minnu li l-konvenut jghid li ma ftakar xejn minhabba li kellu *concussion* bl-incident. Madanakollu meta xehed quddiem l-assistenta gudizzjarja (fol 113) ftakar dettal li "*hares fil-mera, u xehet reverse*". Del resto, ix-xhieda tieghu hija pernjata aktar fuq x'jahseb li gara milli fuq memorja.

Dan in-nuqqas ifisser biss li l-Qorti, rinfaccjata b'indagni dwar responsabbilta' f'incident stradali, ghandha tfittex li ssib ir-risposti f'indizji ohra galadarba ma tistax torbot fuq dak li stqarr wiehed mis-sewwieqa minhabba impediment legittimu.

Id-difensur tal-atturi jghid li hija mmaterjali jekk il-konvenut kienx diehel jew hiereg mill-parkegg ghaliex iz-zewg manuvri jirrikjedu attenzjoni akbar minn dak tas-sewwieq li jkun ghaddej fi triqtu. Dan l-argument ghandu certu mertu imma mhuwiex invincibbli. Jekk il-konvenut kien hiereg mill-parkegg, allura jkun invada l-karreggjata tal-attur u ghandu jerfa' r-responsabbilta' tal-akkadut.

---

[2] Fol.113 para 3 tal-process.

Jekk, izda, kien qed jirriversja biex jidhol, (il-verzjoni tal-konvenut) wiehed jista' jargumenta li kien l-attur li ma kienx qed izomm *proper look out* u kien ghaddej bi *speed* li ma ppermettilux li jieqaf meta sab l-ostakolu quddiemu. Din ta' l-ahhar hija t-tezi tal-konvenut li jsostni li l-attur kellu juza prudenza meta dahal fit-triq in kwistjoni fejn hemm hafna karozzi pparkjati. Izda l-Qorti tinnota li l-marki tat-*tyres* kienu <u>wara l-vettura tal-konvenut</u>. Li kieku l-attur kien gej bi *speed*, u ra lill-vettura tal-konvenut qed jirriversja (u bilfors jarah hu u diehel fit-triq in kwistjoni) kien ikollu bilfors jibbrejkja (imbaghad jiddependi mill-*ispeed* tieghu jekk jieqafx qabel jew mal-habta). *Brake marks* wara l-vettura tal-attur ma kienx hemm. *Inoltre*, jekk verament l-attur kien gej b'xi *speed* qawwi, li ma jirrizulta minn imkien li dan hu pruvat, il-konvenut messu nduna bih jekk verament hares fil-mera b'mod li jikkontrolla t-triq kollha hu u qed jirriversja, u mhux il-parti biss tat-triq li seta' jara mill-angolu li kienet fih il-vettura tieghu.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni tal-attur hija aktar verosimili. Apparti l-konsistenza tax-xhieda li ta fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine,* rizultanzi oggettivi cioe`, l-konfigurazzjoni tat-triq, il-marki tat-*tyres* wara l-vettura tal-konvenut, in-nuqqas ta' *brake marks* wara l-vettura tal-attur, u l-pozizzjoni tal-hsarat fuq il-vetturi kollha jikkorroboraw il-verzjoni tieghu. Il-Qorti tifhem li l-konvenut kien qed jimmanuvra fil-*parking spot* fit-triq in kwistjoni u hareg mill-parkegg ghall-karreggjata fejn kien ghaddej l-attur biex b'hekk holoq ostakolu li ma setax jevita.
Il-Qorti hija obbligata li ssib il-*causa prossima* tal-incident,[3] u fil-fehma taghha, il-*causa prossima* kienet il-manuvra negligenti tal-konvenut li wassal il-vettura tieghu fil-karreggjata fejn normalment jghaddi t-traffiku.

Id-difensur tal-atturi jsostni li ndependentement mil-liema verzjoni l-Qorti taccetta, il-manuvra ta' *parking* fih innifsu jimponi obbligu fuq is-sewwieq biex joqghod attent ghat-

---

[3] Ara sentenza **"Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino"** (A.C. 15 ta' Jannar, 1997; u "**Amadeo Mea vs Carmelo Vella"** (A.C. 24 ta' Jannar 1966)

traffiku li jkun gej fuq il-karreggjata li qed jinvadi biex jaghmel din il-manuvra. Huwa obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skont *inter alia*, il-vizwali li ghandu u l-konfigurazzjoni tat-triq. Sewwieq ghandu jzomm prudenza fis-sewqan tieghu u jzomm *'a proper look out'* il-hin kollu ghal dak li jkun ghaddej fit-triq. Dan ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Alfonso Abela*** ***"****Nuqqas ta' 'proper lookout' u cioe` nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali jammonta ghal sewqan traskurat."*

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-attur kien miexi fit-triq dritta u kwindi huwa kellu *r-right of way.* Il-konvenut, da parti tieghu, kellu jipprevedi li seta' jghaddi t-traffiku proprju fil-karreggjata fejn kien diehel jew hiereg (jew diehel u hiereg biex jiddritta l-vettura tieghu) biex jipparkja u kellu obbligu li juza l-massima ta' attenzjoni. Kien ghalhekk il-konvenut li kkaguna s-sinistru u ghandu jitqies responsabbli tal-incident.

**LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI**

Illi dwar id-danni reklamati mill-attur jirrizulta li dawn saru *ai termini* ta' *survey* esebit a fol 48 tal-process u jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici hallset lill-assigurat taghha l-ammont indikat fic-citazzjoni attrici kif jirrizulta mix-xhieda tal-*claims manager* Reno Debattista u tar-rikorrenti l-ohra. L-entita' tal-hsarat rapportati fis-*survey report* relattiv ghal vetturi rispettivi tar-rikorrenti mhux qed jigi kkontestat.

Mix-xhieda ta' Nazzareno Debattista, d-danni jammontaw ghal Lm5,427.91 imhallsin mis-socjeta' attrici u Lm25 kull wiehed imhallsin miz-zewg atturi ghall-*excess,*[4] b'kollox Lm5,477.91.

Il-konvenut madanakollu qed jikkontesta xi spejjez reklamati.

Rigward *rear moulding (Lm138.78)* is-*surveyor* John Callus xehed li l-hsara jidher fuq ir-ritratt esebit a fol. 11.

---

[4] Affidavit a fol. 58

Rigward il-lampa (stg.16.28) il-konvenut jghid li dan hu rapportat doppjament f'zewg *cash sales* esebiti u rispettivament enumerati 18165 u 18857 izda dan ma jirrizultax li hu l-kaz ghaliex dan l-*item* ma jidhirx irdoppjat.

Riferibbilment ghal *"one moulding left hand" (cash sale esebit numru* 18198) jirrizulta li dan mhux indikat fuq is-*survey report* u s-*surveyor* ma setax jaghti spjegazzjoni dwaru. B'hekk il-Qorti ser tnaqqas l-ammont relattiv tieghu ta'  Lm24.77.

Riferibbilment ghall-*items "one spindle upper (lower ball joint)* rapportat fil-*cash sale numru* 18321 ix-xhud spjega li il-*wishbone* tigi bil-*ball joint* b'kollox u hu nkluz fis-*survey report*.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillikwida d-danni dovuti lis-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm5,427.91 (€12,643.63) - Lm24.77 (€57.70) = Lm5,403.14 (€12,585.93) u Lm25 (€58.23) kull wiehed lir-rikorrenti Nicolina Garcia u Emanuel Chetcuti.

**<u>IV. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi u ghar-ragunijiet hemm citati.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tnax-il elf, seba' mija u zewg ewro u disgha u tletin centezmu (€12,702.39) rapprezentanti kwantu ghal tnax-il elf, hames mija u hamsa u tmenin ewro u tlieta u disghin centezmu (€12,585.93) effettivament imhallsa mis-socjeta` GasanMamo Insurance Limited, ghal liema somma l-attur *nomine* jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurati tieghu, u kwantu ghal (€58.23) imhallsa minn Nicolina Colette

Garcia u Emanuel Chetcuti kull wiehed u wahda minnhom.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tnax-il elf, seba' mija u zewg ewro u disgha u tletin centezmu (€12,702.39) hekk likwidata *in linea* ta’ danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2005 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------